# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. MHALLEF
## JACQUELINE PADOVANI GRIMA LL.D. LL.M. (IMLI)

**Seduta ta' Nhar it-Tnejn 20 ta' Frar 2017**

**Kawza Numru : 24**

**Rikors Numru : 1095/2006 JPG**

**Godwin Cutajar**

**VS**

**Darren Charles Galea**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors guramentat tal-attur (I.D. 226970(M)), datat 6 ta' Dicembru 2006, a fol 1 et seq, li jaqra hekk:

1. *Illi l-istanti Godwin Cutajar kien qieghed isuq il-vettura ta' ghamla Toyota Hilux bin-numru ta' registrazzjoni IBE-931 fi Triq il-Buzbiez limiti tar-Rabat, fir-Rabat Malta, ghal habta tat-3:15pm, fit-23 ta' Lulju 2005 u sehh incident stradali meta l-konvenut, Darren Charles Galea, li kien gej minn naha opposta u li kien qed isuq il-vettura tal-ghamla Hyundai Accent bin-numru ta' registrazzjoni IBB-995, minghajr ma ha d-dovuti kawteli ghal vetturi ohra, saq b'manjiera traskurata billi kien ghaddej isuq fuq in-naha hazina tat-triq u, inoltre, ghamel dan b'velocita' elevata.*

2. *Illi l-istanti, appena lemah il-konvenut gej minn naha opposta u fuq l-istess karreggjata, iffrena mmedjatament u ghalkemm rnexxielu jiffrena u jwaqqaf il-vettura tieghu, il-velocita' elevata da parti tal-vettura misjuqa mill-konvenut impediet li dan tal-ahhar jimmanuvra, jiffrena u jevita l-iskontru frontali bejn iz-zewg vetturi.*

3. *Illi bhala konsegwenza ta' tali agir gie kkawzat l-imsemmi ncident stradali.*

4. *Illi l-incidenti stradali sehh unikament minhabba negligenza, imprudenza u inosservanza tar-regolamenti tat-traffiku da parti tal-konvenut illi kien qed isuq il-vettura tieghu hawn fuq deskritta b'mod inadatta u perikoluz, stante li kien ghaddej fuq in-naha hazina tat-triq u cioe' fuq il-karreggjata tal-attur.*

5. *Illi rizultat ta' dan l-agir sar l-iskontru bejn iz-zewgt vetturi fejn il-vettura proprjeta' tal-attur sfat danneggjata b'mod gravi u li tali danni jammontaw ghas-somma ta' hamest'elef, hames mija u disgha u ghoxrin Lira Maltin, u hamsin centezmu (Lm5,529.50c0).*

6. *Illi l-konvenut bl-ebda mod ma ghamel tajjeb ghad-danni minnu kkagunati kif hawn imfisser.*

7. *Illi l-istanti b'ebda mod ma kien responsabbli ghall-incident stradali msemmi.*

8. *Illi ghalhekk kellha ssir l-odjerna kawza.*

Rat illi l-atti tar-rikors promotur, d-digriet u l-avviz tas-smiegh gew debitament notifikati skond il-ligi

Rat ir-Risposta guramentata ta' l-intimat Darren Charles Galea (ID. Nru. 143495M), datata 19 ta' Ottubru 2007, a fol 42 et seq, li taqra hekk;

1. L-ewwel talba tar-rikorrent ghandha tkun respinta stante li l-incident awtomobilistiku de quo gara unikament htija tar-rikorrent innifsu.

2. It-tieni talba tar-rikorrent ghandha ghalhekk tkun rigettata wkoll stante li ma hemmx danni x'jigu likwidati favur ir-rikorrent. Fi kwalunkwe kaz u **bla pregudizzju ghall-premess,** il-quantum tad-danni pretiz mir-rikorrent huwa kontestat u ghaldaqstant ir-rikorrent ghandu jaghmel il-prova tad-danni skond il-ligi.

3. It-tielet talba tar-rikorret ghandha tkun michuda billi l-esponent m'ghandux ikun ikkundannat ihallas ebda danni lir-rikorrent.

4. Salvi eccezzjonijiet ohra permessi mil-ligi.

5. **Peress li fl-incident awtomobilistiku de quo, l-esponent garrab danni, unikament htija tar-rikorrent, huwa ser jaghmel kontrotalba.**

Rat il-kontrotalba tal-intimat Darren Charles Galea ID Numru (143495M), datata 19 Ottubru 2007, a fol 43 et seq, li taqra hekk;

1. *Fit-23 ta' Lulju 2005 ghal habta tat-3.15 p.m., l-esponent kien qed isuq il-vettura Nru. IBB 995, proprjeta' tieghu, fi Triq il-Buzbiez, limiti tar-Rabat, mid-direzzjoni tar-Rabat, fin-naha tieghu tat-triq u bi speed adattat ghal-lokalita', meta din sfat involuta f'incident awtomobilisiku mal-vettura Nru. IBE 931 li kienet qed tinsaq mir-rikorrent mid-direzzjoni tal-Mtahleb bi speed eccessiv u fin-naha hazina tat-triq tant li ghalkemm meta l-esponent lemah il-vettura tar-rikorrent tar-rikorrent gejja lejh, ghafas mal-hajt tax-xellug, b'mod li ma kellux aktar fejn imur, huwa xorta wahda safa' investit u milqut b'mod qawwi mill-vettura tar-rikorrent meta l-esponent kien fin-naha tieghu tat-triq.*

2. *Ghall-incident u konsegwenzjali danni kien jahti unikament ir-rikorrenti danni kien jahti unikament ir-rikorrent minhabba imprudenza, imperizja, negligenza u inosservanza tar-regolamenti.*

3. *Konsegwenza ta' dan l-incident, l-esponent korra gravi, garrab "damnum emergens" li kienu jinkludu l-hsara tal-vettura tieghu li giet dikjarata "beyond economical repair" mis-surveyour tal-assikurazzjoni tar-rikorrent (Dok. DCG1), kif ukoll spejjes ta' tobba u specjalisti, u telf iehor li jirrizulta waqt it-trattazzjoni tal-kawza.*

4. *Konsegwenza tal-griehi gravi li garrab konsegwenza tal-istess incident, l-esponent sofra wkoll "lucrum cessans" minhabba debilita' permanenti riskontrata u accertata (Dok. DCG 2 u DCG 3).*

5. *Ir-rikorrent anke permezz tal-assikurazzjoni tieghu cahad kull responsabilita' ghall-incident.*

*Ghalhekk l-intimat qed jitlob li din l-Onorabbli Qorti joghgobha:-*

1. *Tiddikjara lir-rikorrent unikament responsabbli ghall-incident fuq riferit u ghad-danni kollha li bhala konsegwenza tal-istess garrab l-intimat.*

2. *Tillikwida d-danni kollha tal-intimat, occerrendo bl-opra ta' periti nominandi.*

3. *Tikkundanna lir-rikorrent sabiex ihallas lir-rikorrenti dak l-ammont li jigi dikjarat bhala dovut lilu in linea ta' danni.*

Rat ir-risposta guramentata ta' Godwin Cutajar ghal kontro-talba ta' Darren Charles Galea, datata 31 ta' Ottubru 2007, a fol 64 et seq, li taqra hekk;

1. *Illi l-ewwel talba ta' Darren Charles Galea kif kontenuta fil-kontro-talba minnu presentata u mahlufa ghandha tigi michuda bl-ispejjes stante ghall-incident li kien sehh fit-23 ta' Lulju 2005 fi Triq il-Buzbiez limiti Rabat, Rabat kien unikament responsabbli Darren Charles Galea innifsu minhabba imprudenza, negligenza, imperizja u inosservanza tar-regolamenti tat-traffiku.*

2. *Konsegwentement it-tlieni talba ta' Darren Charles Galea kif kontenuta fil-kontro-talba minnu presentata ghandha tigi similment respinta billi ma hemmx danni x'jigu likwidati favur ir-rikorrenti.*

3. *It-tielet talba ta' Darren Charles Galea kif kontenuta fil-kontro-talba minnu presentata ghandha ghalhekk tigi michuda billi l-esponenti m'ghandu jigi kundannat jhallas ebda danni.*

4. *Salvi eccezzjonijiet ohra permessi mill-ligi.*

*5. Bl-ispejjes kontra l-intimat.*

Semghet ix-xhieda bil-gurament;

Rat id-digriet tal-Qorti kif diversament preseduta, li bih giet innominata l-Perit Legali Dr. Charmaine Galea, a fol 67;

Rat id-digriet tal-Qorti kif diversament preseduta, li bih gie innominat l-Espert Mediku Mr. F.X. Darmanin, a fol 87;

Rat id-digriet tal-Qorti kif diversament preseduta, li bih gie innominat l-Espert Mediku Dr. Mario Said, a fol 202;

Rat id-digriet tal-Qorti kif diversament preseduta, li bih gie revokat l-Espert Mediku F.X. Darmanin, u gie innominat l-Espert Mediku Mr. Charles Swain, a fol 219;

Rat ir-Rapport tal-Espert Mediku Dr. Mario E. Said, mahluf fl-24 ta' Frar 2011, a fol 227 et seq;

Rat ir-Rapport tal-Espert Mediku Mr. Charles Swain u tal-Espert Mediku Dr. Mario E. Said, mahluf fl-24 ta' Frar 2011, a fol 229 et seq;

Rat ir-Rapport Addizzjonali tal-Esperti Medici Dr. Mario Said u Mr. Charles Swain, mahluf fid-29 ta' Novembru 2011, a fol 252 et seq;

Rat id-digriet taghha, li bih gew innominati Mr. Karl Herman Borg Xeureb, Mr. Eric Farrugia u Mr. Raymond Debono bhala Periti Perizjuri, a fol 264;

Rat id-digriet taghha, li bih gie nominat Dr. Ian Vella Galea bhala Periti Legali, a fol 281;

Rat ir-Rapport Mediku tal-Esperti Medici Mr. Eric Farrugia u Mr. Hermann K Borg Xuereb, mahluf fid-19 ta' Frar 2016, a fol 411 et seq;

Rat ir-Rapport Mediku tal-Esperti Mediku Mr. Raymond DeBono, mahluf fit-23 ta' Awissu 2016, a fol 416 et seq;

Rat id–dokumenti ezebiti u l-atti kollha tal-kawza;

Semghet it-trattazzjoni tal-partijiet.

**Ikkonsidrat;**

**Darren Charles Galea** xehed permezz ta' affidavit a fol 331K *et seq* illi fit-23 ta' Lulju 2005 huwa kien qieghed isuq il-vettura Hyundai Accent bin-numru ta' registrazzjoni IBB 995 fi Triq il-Buzbiez limiti tar-Rabat fid-direzzjoni lejn l-Imtahleb. Qabel dan hu kien qieghed id-dar flimkien mal-familja tieghu, u kif jaghmel kull *weekend* ried imur ghand in-nanna tieghu li kienet toqoghod l-Imtahleb. Sahaq illi dakinhar huwa ma kkonsma l-ebda alcohol. Xehed illi it-triq partikolari hija *two-way* u fin-naha tieghu hija ghat-telgha. Spjega li hu kien qed isuq b'velocita ta' circa 40 kilometru fis-siegha, u kien qed izom circa pied distanza minn mal-hajt tax-xellug.

Kompla illi xi 50 metru l-boghod minnu ra van Toyota *pick up* bin-numru ta' registrazzjoni IBE931 misjuqa mir-rikorrent li kienet qed tinstaq fil-karregjata tieghu u bi speed eccessiv. Spjega illi huwa ghafas kemm setgha lejn ix-xellug tat-triq tant li miss il-bankina u waqaf kompletament sabiex jistenna lir-rikorrent jghaddi. Kompla illi r-rikorrent qatt ma naqqas il-velocita u baqa' diehel dritt go fih meta hu kien wieqaf, fejn spicca ha d-daqqa fuq quddiem u fuq in-naha tal-lemin. B'konsegwenza tal-impatt, il-karozza tieghu dahlet gol-hajt.

Ix-xhud afferma li kien qieghed liebes *seat belt* bhal ma jaghmel dejjem. Xehed illi huwa intilef minn sensih mal-impatt u gie lura f'sensih l-isptar. Kompla illi huwa sofra sfregju f'wiccu u kellhu bzonn diversi interventi kirurgici, ghalkemm it-tobba ikonfermawlu illi nonostante l-interventi li ghamel u li ghad jrid jaghmel, l-isfregju huwa wiehed permanenti. Xehed ukoll illi huwa kien dam xi gimgha rikoverat l-isptar u dam diversi xhur konvalexxenti d-dar.

Xehed illi dakinhar tal-incident huwa kellu 21 sena u li mill-31 ta' Ottubru 2005 kien impjegat full time f'hanut ta' *ironmonger* u il-paga tieghu kienet ta' tlett mija u sitta u sebghin Liri Maltin (Lm376) kull xahrejn. Kompla li barra minn hekk, huwa kien ukoll *footballer semi-professional* ma' Rabat Ajax b'introjtu ta' tlett mitt Liri Maltin (Lm300) ekwivalenti ghal sitt mija disgha u disghin ewro (€699) fis-sena. Zied illi kawza tal-incident, huwa sofra wkoll danni rapprezentanti fi flus zborsati ghall-tobba, medicini u konsulenzi fl-ammont ta' tmin mija, hamsa u disghin ewro punt tlieta u hamsin centezmi (€895.53), u barra minn hekk il-vettura tieghu gie dikjarata *beyond economical repair.*

**In kontro-ezami** a fol 343 *et seq* xehed illi jiftakar li kien liebes *seatbelt* u illi huwa sofra sfregju f'wiccu minhabba illi l-pilastru tan-naha tal-lemin u l-windscreen dahhlu go wiccu. Meta gie suggerit lilu illi hu stess kien qal lit-tobba li ma kienx liebes *seatbelt* **wiegeb illi dan m'huwiex minnu ghaliex huwa ma tkellimx peress illi kien mitluf minn sensieh**. Zied illi l-ugiegh li kellu f'sidru u ma setghax jiehu nifs proprju minhabba *s-seatbelt.* Ikkonferma illi dakinhar ma kienx xurban.

**Natalino Agius** xehed a fol 315 illi huwa *surveyor* li kien gie **inkarigat** mir-rikorrenti sabiex jaghmel survey fuq vettura tal-marka Toyota Hilux kif deskritta fis-*survey* tieghu li jinsab ezebit a fol 5 *et seq* tal-process. Xehed illi il-valur ta' din il-vettura qabel l-incident wasal ghalih peress illi minhabba li din il-karozza hija tal-Gappun il-valur taghha inhadem differenti mill-valur ta' vettura li tinxtara gdida lokalment, u filfatt il-valur taghha huwa hafna izjed.

**In kontro ezami** a fol 315 xehed ill l-vettura kienet *beyond economical repair.* Spjega illi l-valur tal-istess vettura qabel l-incident kien ta' hamest elef u hames mitt Liri Maltin (Lm5,500) u ma dahalx fil-valur tar-*wreck,* ghalkemm zied li dak iz-zmien kien ta' tmin mitt Liri Maltin (Lm800). Kompla illi d-danni kienu fuq quddiem u fil-genb fuq in-naha tas-sewwieq.

Xehed ukoll illi huwa ghamel *survey report* tal-vettura tal-intimat tal-marka Hyundai Accent, fejn id-daqqa kienet frontali fuq in-naha tas-sewwieq. Kompla illi **minhabba li l-vetturi kienu <u>totalment differenti fis-sahha *tal-body*, il-forza tal-impatt mill-vettura tar-rikorrenti fuq vettura bhal tal-intimat huma ferm ikbar indipendentement mill-velocita'</u>**. Zied illi ghalkemm m'ghamilx stima, fi zmien l-incident il-valur tal-vettura tal-

intimat kien ta' circa elf u sitt mitt Liri Maltin (Lm1,600) ekwivalenti ghall-tlett elef u sebgha mija u ghoxrin ewro punt tlieta u disghin centezmi (€3720.93), liema valur huwa ma jasalx ghalih a bazi tal-*guide book* izda fuq is-suq.

**Ex PS 630 Charles Micallef** xehed a fol 319 illi fl-incident in kwistjoni il-vetturi kienu ghaddejin fi Triq il-Buzbiez l/o Rabat li kienu gejjin minn direzzjonijiet opposti u habtu *head on,* fatt li rrizultalu peress illi huwa kien mar fuq il-post u kien anke ghamel *sketch* approssimattiv tal-incident. Kompla illi l-intimat **ma setghax jitkellem ghaliex kien imwegga u kellu wiccu imfarrak** tant li ghalkemm kien jafu ghall-ewwel ma gharfux. Zied illi huwa ma xamm xejn fl-arja. Xehed ukoll illi **fl-okkorrenza nizzel dak li kien qallu ir-rikorrenti, li kien insista li kellu jigbed fuq il-lemin <u>ghax kien hemm karozzi ipparkjati</u>. Spjega li dawn il-vetturi ma jidhrux fl-i*sketch,* izda huwa kkonferma li kien minnu li kien hemm karozzi ipparkjati ghaliex kien tkellem mas-sidien li kien qalulu li mbaghad kienu caqalquhom biex jaghmlu spazju ghall-ambulanza.**

**In kontro-ezami** a fol 319 *et seq* xehed **illi r-rikorrenti halla 20.7 metri ta' *brake marks* fuq rota wahda**. Xehed ukoll illi ma seta' jara l-ebda sinjali tal-punt tal-impatt. Xehed illi il-hsarat fuq il-vettura tar-rikorrenti kienu konsiderevoli, **waqt li l-vettura tal-intimati kienet spiccat imdahhla fil-hajt bid-daqqa.**

**In ri-ezami** a fol 319 ikkonferma illi fit-triq ma **kien hemm ebda *brake marks* ohra apparti dawk tar-rikorrent.**

**Godwin Cutajar** xehed a fol 326 *et seq* illi huwa kien qieghed isuq fid-direzzjoni lejn ir-Rabat u iltaqa' mal-intimat go triq forma ta' Y fejn cedielu u l-intimat baqa' tiela b'velocita kbira. Spjega li wara li mexa ftit distanza ohra rega ra lill-intimat, li din id-darba kien qieghed isuq mid-direzzjoni opposta. Qal illi **kien hemm bejn erbghin jew hamsin metru distanza bejniethom** u l-intimat kien gej b'velocita kbira f'nofs it-triq. Xehed **illi l-intimat qata' ghan-nofs minflok zamm mal-kisra u x'hin ra li mhux ser jghaddu zamm il-*brake.*** Zied li dak il-hin hu kien **qieghed isuq b'velocita ta' cirka 65kmph**, izda l-intimat kien qieghed isuq b'velocita qawwija u baqa' ghaddej qisu ma rahx. Kompla li l-intimat rah fl-ahhar zewg metri u gibed lejn in-naha tieghu izda kien tard wisq u l-vetturi habtu. Spjga li l-impatt kien fil-kantuniera tan-naha tas-sewwieq fil-karozza tieghu u fil-kantuniera fuq in-naha tal-lemin. Zied illi fil-mument tal-impatt il-karozza tieghu kienet

**kwazi waqfet.** Rigward il-*brake marks* li jidhru fuq l-iskizz tal-incident, xehed illi dawn il-marki huma tieghu u illi dawn saru peress illi **bl-impatt il-vann tqandel u mexa lejn il-lemin min-nofs.**

Xehed illi wara l-habta huwa biss hareg mill-karozza. Ghalhekk mar fuq l-intimat, fejn sabu **mitluq fuq l-*isteering wheel* b'wiccu kollu demm**. Xehed illi l-intimat ma kellux ***seatbelt u kellu riha qawwija ta' alkohol***. Zied li pprova jqajjem lill-intimat izda dan ma rreagixiex. Kompla illi kienu hargu xi nies minn *farmhouse* u talabhom icemplu lill-pulizija u ambulanza, u sussegwentement marru fuq il-post ukoll il-mara tieghu, l-gharusa tal-intimat u z-ziju tal-intimat. Zied illi t-tfajla tal-intimat bidet tghajjat li l-incident kien tort taghha ghaliex kienu ggieldu.

**In kontro ezami** a fol 331e *et seq* xehed illi lill-intimat kien jafu qabel l-incident u kienu hbieb sew u li dakinhar kien diga iltaqa' mieghu xi hames minuti qabel l-incident peress li ghall-ewwel kienu sejrin fl-istess direzzjoni. Xehed illi hu kien fuq in-naha tieghu u kien lejn il-hajt. Xehed illi l-karozzi ipparkjati kienu akar il-fuq minnu u hu setgha jghaddi minkejja dawk il-karozzi. **Mistoqsi rigward il-fatt li lill-pulizija kien tahom verzjoni differenti wiegeb illi ma jiftakarx li kien qal lill-pulizija** li hu kien qala' l-barra u li dak li kien qal kien **ghaliex kien qieghed jipprova jsib raguni ghalfejn l-intimat kien dahal fil-kareggjata tieghu.** Xehed ukoll li **ma jaqbilx mas-Surgent** li l-*brakemarks* kienu tax-xellug peress li mad-daqqa l-van tqandel u gibed il-barra.

**Dr. Alison Micallef** xehdet a fol 329 *et seq* tal-process illi l-intimat kien idahhal l-isptar wara l-incident *de quo* peress illi ma kienx konxju u ghaliex kellu xi feriti f'wiccu. Spjegat li l-intimat kien fi stat ta' xokk, izda ma kellux bzonn operazzjoni biex titwaqqaf l-emoraggija ghaliex irrisponda ghat-trattament fil-fluidi. Fir-rigward tal-frazi ***unrestrained*** fl-ewwel pagna tal-*case summary,* xehdet illi normalment din tinkiteb ghax ikun qal hekk il-pazjent pero dan mhux necesarjament il-kaz, ghaliex tista' tasal ghall-konluzjoni li l-pazjent ma kienx liebes *seat belt* mill-fatt illi jkolli griehi f'wiccu u sidru, kif ukoll ksur fl-imnieher u griehi fl-ghajnejn. Xehdet illi filfatt l-intimat kellu ksur f'imniehru tant li kellu bzonn intervent kirurgiku. Xehdet illi li kien sar test ghall-alkohol fuq l-intimat li ta rizultat ta' 93mg/dl, li juri li kien ha l-alkohol qabel ma ddahhal l-isptar peress illi n-normal ta' dan it-test huwa ta' 10mg/dl.

**In kontro-ezami** a fol 330 **xehdet illi hija qatt ma rat jew ezaminat lill-intimat**. Xehdet ukoll illi **griehi fil-wicc u ksur fl-imnieher ma jfissrux necessarjament illi l-persuna ma kellhix *seatbelt*.** Komplet illi **ma jidhirx illi kien hemm griehi fis-sider** ghalkemm l-intimat kellu ugiegh f'sidru. Ziedet **illi ugiegh fis-sider jista' jkun ukoll permezz ta' *seatbelt*** ghalkemm li kieku kien ikollu l-marki ukoll, liema marki ma kellux. **Xehdet ukoll illi dak il-marki mhux dejjem ikunu prezenti.**

**Deborah Cutajar** xehdet permezz ta' affidavit a fol 304 illi hija tigi l-mara tar-rikorrent u dak in-nhar tal-incident kienet marret fuq il-post wara li zewgha kien cemplilha u informaha b'li gara. Xehdet illi waqt li kienet hemm waslet ukoll it-tfajla tal-intimat li kienet fi stat ta' paniku u bdiet tghajjat li dak li gralu l-intimat kien tort taghha ghaliex kienu ggieldu.

**In kontro-ezami** a fol 309 xehdet illi hija qatt ma kienet rat lit-tfajla li semmiet qabel pero hija certa li kienet it-tfajla tar-rikorrent ghaliex dan qalitu hi stess. Xehdet illi meta kien hemm hi u din it-tfajla fuq il-post, il-pulizija kienu diga telqu.

**Anthony Micallef** xehed a fol 331 illi l-intimat huwa impjegat mieghu fil-hanut tieghu ta' *ironmonger* bl-isem Rabat Plant Hardware Store. Xehed illi l-intimat ghand paga bazika minghajr *overtime* u pprezenta dokumenti li jur l-qliegh anwu tieghu.

**Il-Professur Anthony Grixti Soler** xehed a fol 332 illi huwa kien ezamina lill-intimat u **kien ikkonkluda li kellu dizabbilta ta' 10%.** Xehed illi huwa jsegwi id-*disability figures* tas-sistema Amerikana. Fir-rigward tas-sens ta' xamm u tomgha xehed illi huwa ghamel **testijiet oggettivi biex jikkonstata dan, u ma qaghadx biss fuq dak li qallu l-intimat.**

**Mario Grima** xehed a fol 332 *et seq* illi l-intimat kien ilu jilghab ma' Rabat Ajax bhala *non amateur* mill-istagun 2004/2005, f'liema zmien kien jaqla tletin Liri Maltin (Lm30) ghal ghaxar xhur. Xehed illi ghamel zmien fl-istagun 2006/2007 ma jilghabx allura ma kienx thallas u li kien waqaf jilghab fi Frar tal-istagun 2009/2010.

**Dott. Joseph Emanuel Briffa** xehed permezz ta' affidavit a fol 335 *et seq* illi huwa kien ezamina lill-intimat ghall-ewwel darba fis-27 ta' Marzu 2006 u kkonkluda li l-intimat sofra sfregju permanenti f'wiccu, li ma jistghax jigi kompletament rizolt b'kirurgija kosmetika.

Spjega ukoll illi l-intimat sofra devjazzjoni f'imniehru li tista' forsi tigi korretta b'kirurgija izda l-*outcome* taghha m'huwiex garantit. Spjega ukoll illi n-nuqqas ta' sensazzjoni li l-intimat kien qieghed isofri minnu f'xuftejh u l-basi ta' imniehru ma jistghax jigi rizolt medicament, izda hemm cans li irrisolvi wahdu sa certu grad f'xi sentejn. **Huwa kkonkluda li l-intimat sofra disabbilita permanenti ta' 15%.**

**Barbara Amelia Galea** xehdet a fol 346 illi hija tigi omm l-intimat u li l-intimat kien qieghed id-dar qabel l-incident. Xehdet illi meta l-intimat qam ghal xi s-siegha ta' wara nofsinhar kielu flimkien u l-intimat xorob *softdrinks* biss. Imbaghad ghal habta tas-2.20pm l-intimat telaq mid-dar biex imur ghand nannuh, u l-burdata tieghu kienet wahda tajba

**In kontro-ezam** a fol 346 xehdet ikkonfermat illi l-intimat telaq mid-dar ghal habta ta' 2.30pm – 2.45pm u illi ma kienx xurban.

**In ri-ezami** a fol 347 xehdet illi l-intimat kien dejjem imur izur lin-nanniet meta ma kienx ikun xoghol u dakinhar tal-incident kien sejjer jaghmel vista normali.

**Ikkonsidrat:**

Fir-Rapport tieghu, l-Espert Mediku Dr Mario E. Said, wara li ezamina lil intimat Galea, ikkonkluda;

> ***"I can conclude that despite the primary procedures carried out in the early, acute situation, Mr Galea still suffers from cosmetic deformity as a result of the nasal distortion and the facial scars, as well as from functional deficits caused by the septal deviation. This functional deficit will certainly require further corrective surgery."***[1]

Mr. Charles Swain Espert Mediku u l-Espert Mediku Mario E. Said fir-rapport kongunt taghhom ikkonstataw li:

**"Darren C. Galea jidher ragel f'sahhtu. Fil-wicc hemm dawn ic-cikkatrici:**

[1] Vide fol 228

1. **C. Linejari twila 4cm fin-nofs tal-mohh;**
2. **C. Twila 1 cm li taqsam l-eyebrow tax-xellug;**
3. **C. Irregolari fuq il-lemin tal-imnieher;**
4. **C. Twila 1 cm fuq ix-xoffa ta' fuq;**
5. **C. Twila 0.5 cm taht l-imnieher;**
6. **C. Fuq ix-xoffa t-isfel li qed tigbed ix-xoffa lejn il-lemin;**
7. **C. Twila 1 cm fuq il-lemin tal-geddum;**
8. **C. Twila 1.5 cm taht il-geddum.**

**L-imnieher jidher ddevjat lejn ix-xellug, kif ukoll is-septum li ghalhekk qed jostakola l-passagg tal-arja ta din in-naha.**

**Konkluzzjoni:**

**Darren C.Galea sofra griehi estensivi fil-wicc fl-incident li kellu hames snin ilu. Dan jirrizulta fi sfregju significant li meta tghoddu man-nuqqas ta' xamm jghodd bhala dizabilita permanenti. Fil-fehma miqjusa taghna din id-dizabilita hi ta' 7.0%."**[2]

Fir-Rapport addizzjonali tal-istess **Periti Esperti Medici Dr. Mario Said u Mr. Charles Swain** wara li regghu ezaminaw lill-intimat, **taw spjegazzjoni dettaljata ta' kif waslu ghall-disabilita' ta' sebgha fil-mija (7.0%).**[3]

Fir-Rapport Mediku **tal-Periti Peritzjuri l-Esperti Medici Mr. Eric Farrugia u Mr. Hermann K Borg Xuereb,** wara spjegazzjoni dettaljata, ikkonkludew:

> ***"Therefore excluding face disfigurement due to scars present on patients' face, a total of 3% impairment of whole person is awarded for above ENT injuries."***[4]

---

[2] Vide fol 231
[3] Vide fol 255
[4] Vide fol 413

Fir-Rapport tat-tielet Perit Peritzjuri cioe' **tal-Espert Mediku Mr. Raymond DeBono,** wara ezami separat tal-intimat li fih jikkontieni b'mod mill-aktar dettaljat kull cikatrici li sofra l-intimat, in-natura taghha u l-kejl taghha, ikkonkluda:

> ***"In my opinion based on the thorough assessment of the current situation I would allocate:***
>
> ***<u>15% disability for the scars on the face;</u>***
> ***<u>8% disability for the loss of function deformity and scars of nose;</u>***
>
> ***I base my decision on the following facts:***
>
> 1. ***Severe scarring in the centre most prominent part of the face affecting prominent parts of the face.***
> 2. ***Loss of mouth function***
> 3. ***Loss of sense of smell***
> 4. ***Fractures and deformity of the nose***
> 5. ***Significant psychological disability"***[5]

**Ikkonsidrat;**

In succint, din il-kawza tirrigwarda incident stradali fejn il-partijiet kienu involuti bhala sewwieqa f'*head-on collision.* Din il-kollizzjoni ikkawzat danni sostanzjali fil-vetturi tal-partijiet, u aghar minn hekk, ikkawzat griehi ta' natura gravi f'wicc l-intimat. Iz-zewg partijiet jimputaw it-tort ghal dak li gara lill-iehor u taw verzjonijiet konfliggenti tad-dinamika tal-incident. Filwaqt illi r-rikorrent sostna illi l-intimat invada il-karregata tieghu, kien qed isuq b'velocita eccessiva, kien xurban u ma kellux *seatbelt,* l-intimat isostni illi kien ir-rikorrenti li kien qed isuq b'velocita eccessiva, u kien ir-rikorrent li invada l-karreggata tieghu filwaqt illi nnega illi huwa kien xurban u li ma kellux *seat belt.*

---

[5] Vide fol 419

Fuq il-kwistjoni tal-konflitt tal-provi inghad illi:-

> ***"mhux kwalunkwe' tip ta' konflitt (fil-verzjonijiet moghtija tal-partijiet) ghandu jhalli lill-Qorti f'dak l-istat ta' perplessita' li minhabba fih ma tkunx tista' tiddeciedi b'kuxjenza kwieta u jkollha taqa' fuq ir-regola ta' l-in dubio pro reo. Il-konflitt fil-provi, sakemm il-bniedem jibqa' soggett ghall-izbalji tal-percezzjonijiet tieghu u ghall-passjoni, huma haga li l-Qrati jridu jkunu dejjem lesti ghaliha .... .... Meta l-kaz ikun hekk, il-Qorti m'ghandhiex taqa' comb fuq l-iskappatoja tad-dubju, imma ghandha tezamina bl-akbar reqqa jekk xi wahda miz-zewg verzjonijiet, fid-dawl tas-soliti kriterji tal-kredibilita' u specjalment dwar il-konsistenza u verosomiljanza, ghandhiex teskludi lill-ohra, anke' fuq il-bilanc tal-probabilita' u tal-preponderanza tal-provi, ghax dawn, f'kawza civili, huma generalment sufficjenti ghall-konvinciment tal-gudikant (...) anzi', f'kazijiet bhal dawn, aktar ma jkun il-konflitt bejn verzjoni u ohra, aktar tidher il-possibilita' tal-qerq da parti ta' xi wiehed mill-kontendenti."***[6]

Inghad ukoll illi:

> ***"fi kwistjoni ta' kredibilita' u apprezzament ta' provi l-kriterju ma huwiex jekk il-gudikant assolutament jemminx l-ispjegazzjoni imma jekk l-ispjegazzjoni hix possibbli u minn awl id-dinja fic-cirkostanzi zvarjati tal-hajja."***[7]

F'kazijiet fejn il-Qorti tkun rinfaccata minn provi konfliggenti, il-Qorti ghandha tkun gwidata minn zewg principji fl-evalwazzjoni tal-provi li jkunu gew prodotti quddiema, u cioe:-

> ***Li taghraf tislet minn dawn il-provi korroborazzjoni li tista' tikkonforta xi wahda miz-zewg verzjonijiet bhala li tkun aktar kredibbli u attendibbli minn ohra; u***

---

[6] **Carmelo Farrugia vs Rokko Farrugia**, Prim'Awla tal-Qorti Civili deciza 24 ta' Novembru 1966.
[7] **Joseph Borg vs Joseph Bartolo**, Qorti tal-Appell Civili (Sede Inferjuri) deciza 25 ta' Gunju 1980.

***Fin-nuqqas, li tigi applikata l-massima actore non probante reus absolvitur.***[8]

Fi kliem iehor il-Qorti ghandha tezamina jekk xi wahda miz-zewg verzjonijiet, fid-dawl tas-soliti kriterji tal-kredibilita' u specjalment dawk tal-konsistenza u verosomiljanza, ghandhiex teskludi lill-ohra, anke fuq il-bilanc tal-probabbilitajiet u tal-preponderanza tal-provi, ghax dawn, f'kawzi civili, huma generalment sufficjenti ghall-konviciment tal-gudikant.[9]

Wara li ezaminat it-testimonjanza tal-partijiet u l-provi kollha prodotti quddiemha, il-Qorti tqis illi z-zewg partijiet kienu piuttost skarsi mal-verita', kif jidher mis-segwenti:

1. **Rigward min invada il-karregjata ta' min.**

Sfortunatament fl-iskizz ma hemmx ndikat il-punt ta' impatt tal-partijiet, probabilment minhabba l-fatt li bl-impatt stess, il-vetturi iccaqalqu mill-punt tal-impatt u ghalhekk il-pulizija ma setghax jindika b'mod preciz il-punt tal-impatt.

Il-Qorti taghraf illi **ghalkemm fid-deposizzjoni tieghu r-rikorrenti cahad li kien hemm karozzi ipparkjati fuq in-naha tieghu u cahad li kellu jersaq fuq il-karregjata opposta** biex ikun jista' jghaddi, **din kienet propju il-verzjoni li ta lill-pulizija *a tempo vergine*.** Ghalkemm ir-rikorrent jipprova jghid illi kien malintiz ghaliex hu kien biss qieghed jipprova jsib raguni ghalfejn l-intimat kien invada il-karregjata tieghu, **il-verzjoni li ta lill-pulizija kienet giet investigata u kkonfermata mill-pulizija**. Filfatt ex PS 630 Charles Micallef xehed illi ghalkem ma jidhrux karozzi ipparkjati fuq l-iskizz **huwa ikkonferma illi l-verzjoni moghtija lilu mir-rikorrenti kienet veritiera ghaliex kien tkellem mas-sidien ta' dawn il-vetturi li kienu kkonfermaw li kienu ipparkjati hemmhekk u li kien ressqu l-karozza wara biex jaghmlu spazju ghall-ambulanza.** Dan apparti l-fatt ill l-verzjoni moghtija mir-rikorrenti lill-pulizija kienet wahda carissima, kif jidher mir-rapport tal-incident fejn il-pulizija nizzel illi r-rikorrenti ***"…insisted that he pulled a little on the right due to the fact that vehicles were parked on the left side of the road."***[10] **In kontro-ezami imbaghad, a fol 319,**

---

[8] **Maria Xuereb et vs Clement Gauci et**, Qorti tal-Appell Civili (Sede Nferjuri) deciza 24 ta' Marzu 2004.
[9] **Joseph Vella vs Judas Taddeo sive Teddy Borg et**, Qorti tal-Magistrati (Ghawdex) (Gurisdizzjoni Superjuri) deciza 19 ta' Mejju 2015.
[10] Fol 10 - 11

**ikkonferma illi r-rikorrenti qallu li kellu jaghmel din il-manuvra,** minhabba li kien hemm karozzi ipparkjati.

A bazi ta' dan il-Qorti tinsab moralment konvinta illi kien ir-rikorrent li nvada il-karregjata tal-intimat, u dan wara li ghamel manuvra ta' sorpass minhabba li kien hemm vetturi pparkjati fil-karregjata tieghu.

2. **Rigward il-velocita li biha kienu qed isuqu l-partijiet**

Iz-zewg partijiet sostnew illi huma kienu qieghdin isuqu b'velocita normali u addatata ghac-cirkostanzi, filwaqt li kienet il-parti l-ohra li kienet qed isuq b'velocita eccessiva u minghajr kont ta' dak li kien hemm quddiemha. **Iz-zewg partijiet pero qabblu illi l-vizwali fit-triq kienet tajba hafna u fit-tul, tant illi t-tnejn qablu li raw li xulxin cirka hamsin metru** mis-situs fejn spiccaw il-karozzi wara l-impatt. Ghalhekk huwa zgur li minn tal-inqas xi hadd mill-partijiet kien qieghed isuq b'velocita eccessiva biex ma kienx possibbli li jigi evitat l-incident meta z-zewg partijiet kellhom pre-avviz ta' hamsin metru illi kien hemm utent iehor fl-istess karregjata fejn kien qed isuqu hu.

Skont ir-rikorrent, huwa kien qieghed isuq b'velocita ta' 65kmph. Skont ir-rikorrenti ukoll, il-***brake marks*** murija fl-iskizz saru ***"…peress illi l-van tqandel u mexa lejn il-lemin min-nofs. U dan sar kagun tad-daqqa li qlajt fl-incident."*** Ghalhekk minn din ix-xhieda jfisser illi apparti li **r-rikorrent kien ilu li ghafas il-*brake* cirka hamsin metru qabel l-impatt, (tant li l-karozza tieghu kienet kwazi waqfet), <u>wara</u> l-impatt, il-vettura tieghu kompliet miexja tul ta' xi ghoxrin metru iehor (il-ghaliex il-*break marks* kienu tul ghoxrin metru (20m)). Ghalhekk dan ifisser li r-rikorrenti kien jirrikjedi <u>circa sebghin metru (70m) biex jieqaf</u>, u dana minkejja li l-karozza tieghu kienet qed tkaxkar il-karozza tal-intimat, bl-intimat fiha u l-karozzi waqfu ghax il-karozza tal-intimat spiccat fil-hajt.**

Skont il-Highway Code, persuna li tkun qed isuq **b'velocita ta' cirka 65kmph tiehu 36 metru biex tieqaf**. Ghalhekk m'huwiex verosimili illi r-rikorrenti kien qieghed suq bil-velocita, galadarba huwa kellu bzonn xi sebghin metru (70m) biex jieqaf. L-istess Highway Code jindika illi biex persuna jkollha bzonn din id-distanza biex tieqaf, trid tkun **qed isuq b'velocita ta' ftit inqas minn 96kmph**. Minn dan jidher car ghalhekk illi x-xhieda tar-rikorrenti rigward il-velocita li kien qeghed isuq biha hija ghal kollox inattenibbli.

Minn naha l-ohra, l-intimat jallega illi huwa kien qieghed isuq b'velocita ta' cirka 40kmph, u meta ra lir-rikorrent, cirka hamsin metru l-boghod, ggenneb kemm seta' mal-hajt u waqaf kompletament, izda l-incident sehh xorta wahda peress illi r-rikorrent ma lahaqx waqaf. Ir-rikorrent jghid pero illi l-intimat baqa' ghaddej qisu ma rahx, u intebah biss xi zewg metri qabel ma sar l-impatt. **Mill-iskizz jirrizulta pero illi l-intimat ma halla l-ebda *brake marks,* u ghalhekk hija iktar verosimili l-verzjoni tieghu illi hu kien waqaf biex jistenna lir-rikorrent jghaddi milli l-verzjoni tar-rikkorent u hija sorretta mill-provi li ghandha quddiemha l-Qorti**.

3. **Rigward l-allegazzjoni tal-intimat illi huwa lanqas biss kien miss alkohol dak inhar tal-incident**

L-intimat sahaq illi huwa ma kienx ikkonsma xorb alkoholiku fil-gurnata tal-incident, liema xhieda giet ikkorroborata mix-xhieda ta' ommu li kkonfermat illi kienet kielet ma' binha u certa li xorob *soft drinks* biss. Pero dan jikkontrasta mar-rizultat tad-demm li sar mill-isptar, fejn instab li l-intimat kellhu *ethanol* fid-demm tieghu, li jindika li kien xorob. L-intimat m'offra l-ebda soluzzjoni alternattiva ghal dan ir-rizultat u ghalhekk hija inverosimili x-xhieda tieghu li ma kien xorob assolutament xejn dakinhar.

4. ***Rigward jekk l-intimat kienx qieghed liebes seat belt***

L-intimat kemm il-darba kkonferma illi huwa kien qieghed liebes *seat belt* meta sehh l-incident de quo. Pero mill-*file mediku* jirrizulta ill l-intimat gie deskritt bhala "**unrestrained driver**", li skont it-tabiba Alison Mifsud ifisser illi jew l-intimat stqarr dan lit-tobba, jew inkella t-tobba wassal ghal din il-konkluzjoni minn indikazzjonijiet fizici u mit-tip ta' griehi li sofra l-intimat. Filfatt jirrizulta illi l-griehi li sofra l-intimat huma kompatibbli ma nuqqas ta' uzu ta' seat belt, u filfatt l-intimat ma kellhu l-ebda marka ta' *seat belt* ma sidru, li jkompli jindika li l-intimat ma kienx qieghed liebes *seat belt* meta sehh l-incident. L-intimat jipprova jispjega l-griehi f'wiccu billi jghid li dawn saru meta l-pilastru tal-lemin u l-windscreen dahlu go wiccu. Din l-allegazzjoni pero m'hijiex verosimili fid-dawl tar-ritratti tal-istat tal-vettura tal-intimat a fol 308, u ghalhekk il-Qorti hija moralment konvinta illi l-intimat ma kienx liebes *seat belt* meta sehh l-incident in kwistjoni.

**Ikkonsidrat;**

Waqt is-sewqan, xufier ta' vettura ghandu d-dmir li jizgura li jzomm ***proper lookout*** u jsuq b'mod li f'kull hin ikollu kontroll shih tal-vettura tieghu:

> ***"hu obbligu ta' kull driver li jirregola ssewqan skond il-kundizzjonijiet u c-cirkostanzi bhal ma huma l-hin ta' bil-lejl, il-vizwali ostakolata bid-dlam u bix-xita, il-piz tal-vejikolu, l-istat ta' l-art, u rapporti ohra kontingenti; u hu anki dmir ta' driver li jzomm dik li komunement tissejjah 'a reasonable careful look-out', liema dmir igib mieghu li d-driver jara dak li jkun ragjonevolment vizibbli"*** [**G. Debono vs P. Camilleri et**, Appell Civili, 23 ta' Frar 1962 (Vol. XLVI P I p 112)]. ***Sewqan bi proper lookout ma jfissirx li x-xufier jara biss li jhares 'il quddiem.*** [**David Housley et pro et noe vs Ivan Cutajar**, Citazzjoni numru 531/2006, 16 ta' Ottubru 2014].

Hija fehma konsiderata ta' din il-Qorti li l-kawza prossima ghal dan l-incident kien is-sewqan tar-rikorrent, li ghamel manuvra sabiex jissorpassa karozzi parkeggati fil-karregjata tieghu, u ghalhekk invada l-karregjata tal-intimat, b'velocita mhux idoneja ghas-sitwazzjoni. Ghalkemm kien perfettament legittimu, u anzi necessarju ghar-rikorrent illi jersaq lejn in-nofs u jinvadi l-karregjata opposta minhabba l-vetturi li kien hemm ipparkjati fuq in-naha tieghu, ir-rikorrent kellu **l-obbligu li jara li seta jibda u jtemm din il-manuvra minghajr ma jkun ta' perikolu ghall-utenti l-ohra ta' triq.** F'dan il-kaz jirrizulta illi r-rikorrent, kellu vizwali twila u tajba tat-triq, u ghazel li jinvadi l-karregjata opposta. Ghalkemm ra lill-intimat hamsin metru (50m) l-boghod minnu, la lahaq waqaf, minhabba l-velocita eccessiva li biha kien qieghed isuq, u lanqas ma jidher li pprova jerga jidhol lura fil-karregjata tieghu. Galadarba ir-rikorrent kien qieghed joltrepassa numru ta' karozzi pparkjati billi saq fuq il-karregjata l-ohra, u terga kien qieghed isuq fil-karregjata l-hazina ghan-nizla, **kien jinkombi fuqu li jadatta l-velocita tieghu ghas-sitwazzjoni biex jevita incident bhal dak li filfatt gara, aktar u aktar invista tat-tip ta'** ***heavy vehicle*** **li kien qed isuq li f'nizla tirranka u tohloq certu** ***momentum*.**

Mill-provi ma jirrizultax illi l-kawza prossima tal-incident kien l-intimat. Jibda biex jinghad illi l-intimat kien qieghed isuq fil-karregjata propria tieghu u ma jirrizultax li kien hu li nvada l-karregjata opposta, kif ir-rikorrent prova jgieghel lil Qorti temmen. Kif inghad ukoll aktar il-fuq, l-allegazzjoni tal-intimat illi huwa waqaf mal-genb kemm jista' jkun biex jaghti cans lir-

rikorrent jghaddi m'hijiex kontradetta mill-provi, ghajr ghat-testimonjanza tar-rikorrent li fil-fehma tal-Qorti la hi kredibbli wisq anqas verosimili. Il-fatt illi l-manuvra evaziva tal-intimat ma kienetx kapaci tevita l-kollizjoni, ma jfissirx illi l-intimat kien il-kawza prossima tal-istess incident. Filfatt l-intimat ghamel dak kollu li seta biex jevita l-kollizzjoni, cioe haxken mal-genb kemm seta, bl-isperanza li kien hemm spazju bizejjed biex ikun jista' jghaddi r-rikorrent minghajr ma jolqtu. Anke jekk huwa minnu illi l-intimat kien xurban (fattur illi l-Qorti ser tezamina aktar l-isfel), dan wahdu m'huwiex bizejjed biex jiskolpa lir-rikorrent mir-responsabbilita tal-incident, galadarba kien hu li kien qieghed fuq il-karregjata l-hazina, u mill-provi jirrizulta li kien hu li kien qieghed isuq b'velocita eccessiva ghac-cirkostanzi.

Il-Qorti ghalhekk tikkonkludi illi r-responsabbilita primarja ghal dan l-incident hija tar-rikorrent u mhux l-intimat.

**Ikkonsidrat;**

Tibqa' ghalhekk il-kwistjoni jekk l-intimat b'xi mod ikkontribwixxa ghall-incident jew id-danni sofferti minnu.

Skond **l-Art.1051 tal-Kap.16**, sabiex ikun hemm kontribuzzjoni ghall-hsara, jehtieg:

a. li jkun hemm att ta` negligenza da parti tal-persuna li tkun batiet il-hsara. Kif inghad fil-kawza **Sacco et noe vs Bonnici** (Appell Civili – 19 ta' Frar 1962 – Kollez. XLVII.I.10) irid ikun hemm konkors ta' htijiet: dik tal-konvenut u dik tal-attur;

b. li din in-negligenza tal-persuna li tkun batiet il-hsara tkun ikkontribwiet jew tat okkazjoni ghall-hsara (ara – **Bugeja noe vs Borg** – Prim`Awla tal-Qorti Civili (PA/HH) – 11 ta' Mejju 1983).

Ir-rikorrent jallega illi l-intimat ikkontribwixxa ghall-incident minhabba li kien xorob iktar milli tippermetti l-ligi qabel ma saq. Dan l-argument huwa bbazata fuq ir-rizultat ta' analizi ta'

demm maghmula l-isptar fejn jidher l-intimat kellu volum ta' alkohol fid-demm 93mg/dl **filwaqt illi l-ligi tippermetti livell massimu ta' 80mg/100ml**.[11]

Il-Qorti pero rat illi dan t-test li sar kien **Serum Alcohol** u mhux **Whole Blood Alcohol**,[12] u l-gurisprudenza estera fuq il-materja tindika li ghal finijiet tal-ligi, huwa r-rizultat ta' **Whole Blood Alcohol Test** li huwa relevanti, peress illi **Serum Alcohol** test jaghti rizultat differenti minhabba ragunijiet xjentifici. L-awturi **Taylor** u **Oberman** jispjegaw illi r-rizultat ta' koncentrazzjoni ta' alkohol fid-demm ivarja bejn meta t-test isir fuq ***whole blood*** u meta jsir fuq ***plasma/serum*** siccome jista jirrizulta avarija minn l-individwu ghall-iehor u il-koncentrazzjoni ta' alkohol fid-demm tirrizulta **aktar gholja** meta t-test isir fuq ***plasma/serum***.[13] Filfatt fis-sentenza fl-ismijiet **People v. Thoman** intqal illi minhabba li l-alkohol ghandu affinita mal-ilma, il-**koncentrazzjoni ta' alkohol f'*serum u plasma* tkun iktar gholja minn dik fid-demm shih**.[14] Filfatt, f'din l-istess sentenza l-Qorti rrilevat illi:

> "***Evidence offered of a reading based upon a test of blood serum, (plasma or supernatant) without conversion, will not suffice***."[15]

Tant huwa kuncett accettat, illi diversi sentenzi esteri sabu illi:

> **"[m]*ost experts agree that if one has a serum (or plasma) sample, a reliable estimate of the whole blood alcohol content can be obtained by dividing the serum (or plasma) alcohol concentration by 1.14 to 1.16*"**

u filfatt jirrizulta illi in generali, l-esperti juzaw rata konservattiva ta' 1.20 sabiex jiehdu in konsiderazzjoni l-fatt illi jista' jkun hemm avarja minhabba l-*blood chemistry* partikolari tal-individwu.[16]

---

[11] Fol 420.
[12] Fol 421.
[13] **Lawrence Taylor and Steven Oberman**, "**Drunk Defense Driving**," Wolters Kluwer Law & Business, 2010; "**Challenges and Defenses II: Claims and Responses to Common Challenges and Defenses in Driving While Impaired Cases**," National Traffic Law Center, Mar. 2013.
[14] **People v. Thoman**, 770 N.E.2d 228 (Ill. App. 2002).
[15] **Commonwealth v. Haight**, 50 A.3d 137 (Pa. Super. 2012); **Commonwealth v. Hutchins**, 42 A.3d 302 (Pa. Super. 2012); **Commonwealth v. Bartolacci**, 598 A.2d 287 (Pa. Super. 1991).
[16] **Challenges and Defenses II: Claims and Responses to Common Challenges and Defenses in Driving While Impaired Cases**," National Traffic Law Center, Mar. 2013.

Il-Qorti tqis ghalhekk illi galadarba fuq l-intimat sar ***Serum Alcohol Test*** u mhux ***Whole Blood Alcohol Test,*** ma jkunx gust illi r-rizultanzi dan it-test jintuzaw f'gudizzju kontra tieghu. Quddiem din il-Qorti ma xehdu l-ebda esperti sabiex ikunu jistghu jigwidaw il-Qorti rigward x'kien ikun ir-rizultat ta' ***Whole Blood Alcohol Test*** ibbazat fuq ir-rizultat tas-***Serum Alcohol Test*** li sar fuq l-intimat u ghalhekk fin-nuqqas ta' tali xhieda teknika, l-Qorti ma tistghax tkun moralment konvinta illi l-intimat kellu livell ta' koncentrazzjoni ta' alcohol fid-demm aktar milli tippermetti l-ligi, specjalment ikkonsidrat illi kalkolu maghmul mill-Qorti a bazi ta r-rizulta cioe 93mg/dl diviz bil-fattur tal-figura ta' 1.20 hawn fuq imsemmija taghti rizultat ta' circa 77, **li huwa anqas mill-massimu ta 80mg/dl stipulat mill-ligi.**

Ghalhekk il-Qorti m'hijiex moralment konvinta illi l-intimat kien xorob iktar milli permess mill-ligi qabel l-incident u li hemm xi negligenza kontributorja da parti tal-intimat f'dan ir-rigward.

Aktar il-fuq il-Qorti diga sabet ill l-intimat ma kienx qieghed liebes *seat belt* meta sehh l-incident. Ghalhekk irid jigi deciz kif dan jinfluenza r-responsabbilita ghall-incident u/jew danni fil-kaz de quo.

Fis-sentenza **Froom v. Butcher** deciza fl-1976, Lord Denning kien tal-opinjoni illi:

> *"[t]he question is not what was the cause of the accident. It is rather* ***what was the cause of the damage****. In most accidents on the road the bad driving which causes the accident also causes the ensuing damage. But, in seatbelt cases, the cause of the accident is one thing. The cause of the damage is another. The accident is caused by the bad driving. The damage is caused in part by the bad driving of the defendant and in part by the failure of the plaintiff to wear a seatbelt.* ***If the plaintiff was to blame in not wearing a seatbelt, the damage is in part the result of his own fault. He must bear some share in the responsibility for the damage and his damages fall to be reduced to such extent as the court thinks just and equitable****".*

A bazi ta' dan it-taghlim ta' Lord Denning, gie imbaghad spjegat minn din il-Qorti diversament presjeduta fis-sentenza fl-ismijiet **Josephine Gabriel et vs Jean Pierre Farrugia et** deciza fis-26 ta' Ottubru 2009 illi:

> "…**n-nuqqas tal-użu tas-seat belt b'ebda mod ma jaffetwa r-responsabbilta' għall-incident, iżda l-Qorti tieħu konjizzjoni ta' dak il-fatt meta tillikwida d-danni**."

A bazi ta' dan it-taghlim u in linea mas-sentenza fl-ismijiet **Kyle Saliba vs John Borg et** deciza minn din il-Qorti diversament presjeduta fit-23 ta' Ottubru 2015, il-Qorti tqis illi l-fatt illi l-intimat ma kienx liebes *seat belt* ikkontribwixxa ghall-griehi li sofra u ghalhekk in vista ta' **dan l-element ta' negligenza kontributorja, l-Qorti tqis li it-tnaqqis ta' hmistax fil-mija (15%) huwa xieraq fil-kaz in ezami.**

**Ikkonsidrat;**

**Likwidazzjoni ta' danni:**

A. **Dannum Emergens**

Fl-affidavit tieghu, l-intimat rikonvenzjonanti xehed illi huwa kien zborsa s-somma ta' €895.53 ghal spejjez relatati ma' visti medici u medicini. Dan l-ammont jidher sorrett mill-provi prodotti mill-intimat rikonvenzjonanti u ghalhekk huwa dovut mir-rikorrent rikonvenzjonat.

L-intimat rikonvenzjonanti xehed ukoll illi a kawza tal-incident mertu ta' dawn il-proceduri, il-vettura giet meqjusa bhala *total loss.* L-unika prova li tressqet rigward il-valur tal-vettura tieghu kienet it-testimonjanza tas-*surveyor* Natalino Agius, xhud prodott mir-rikorrenti rikonvenzjonat, li xehed illi fl-opinjoni tieghu, fiz-zmien tal-incident il-valur tas-suq tal-vettura tal-intimat rikonvenzjonanti kien ta' elf u sitt mitt Liri Maltin (Lm1,600), ekwivalenti ghal tlett elef u sebgha mija u ghoxrin ewro punt tlieta u disghin centezmi (€3,720.93). Peress illi l-istima ta' Agius ma gietx ikkontestata mir-rikorrent rikonvenzjonat, din il-Qorti ser taccetta din il-figura bhala dik li tirrifletti d-danni attwali subiti mill-intimat rikonvenzjonanti b'konsegwenza tal-incident in kwistjoni.

Ghalhekk l-ammont totali ta' ***Dannum Emergens*** subit kien ta':

€895.53 + €3,720.96 = **€4,616.49**

B. **Lucrum Cessans**

Mid-dokumenti ezebiti jirrizulta illi l-intimat rikonvenzjonanti kien impjegat f'hanut ta' *ironmonger,* kif ukoll kien jilghab *football* ma' team lokali fuq bazi semi-professjonali. Mir-rapport tal-espert mediku jirrizulta illi l-griehi li sofra kienu jaffetwaw l-abbilita tieghu illi jilghab *football*, u filfatt jidher illi l-intimat rikonvenzjonanti waqaf jilghab ftit ta' snin wara l-incident, u dana apparti li kien kostrett jieqaf ghal xi sena immedjatament in segwitu tal-incident, b'konsegwenza naturalment illi tilef l-introjtu ghal dak iz-zmien. Dan apparti illi b'konsegwenza tal-griehi li sofra minhabba l-incident in kwistjoni, hu kien qieghed jigi privat milli jezercita l-isport favorit tieghu.

L-intimat rikonvenzjonanti kellu paga ta' Lm188 fix-xahar, kif jidher mid-dokument a fol 314, li ghalhekk tissarraf f'introjtu annwali ta' Lm2,256, ekwivalenti ghal **€5,256.48 fis-sena**. Fir-rigward tal-introjtu percepit mill-*football*, fi zmien l-incident l-intimat kien jaqla' Lm30 fix-xahar ghal ghaxar xhur, u ghalhekk Lm300 fis-sena ekwivalenti ghal **€699.00 fis-sena**.

**Multiplier:**

Il-*multiplier*, hekk kif stabbilit fil-gurisprudenza nostrana, huwa fattur diskrezzjonali. Fil-fatt il-*multiplier* li jigi adoperat mill-Qrati jvarja, hekk kif gie ritenut fil-kawza fl-ismijet George Spiteri vs Raymond Fava (Citazz. Nru. 484/2008LFS): "kien ta' 5 snin fil-kaz ta' persuna ta' 53 sena Mizzi vs Azzopardi PA 16-Dic-2004, ta' 15 fil-kaz ta' persuna ta' 22 sena Butler vs Heard App Civ Sup 22-Dec-1967, 15-il sena fuq persuna ta' 24 Gauci vs Xuereb PA 29-Ott-1970, ta' 18 fuq persuna ta' 28 sena Camilleri vs Polidano PA 1-Ott-1982, ta' 18 fil-kaz ta' persuna ta' 42 Bonnici vs Gauci PA 15-Sett-1999, ta' 20 fil-kaz ta' persuna ta' 34 sena Bugeja vs Agius App Civ Sup 26-Lul-1991, ta' 20 fil-kaz ta' persuna ta' 33 sena Dalmas vs Ghigo App Civ Sup 5-Frar-1980, ta' 25 fil-kaz ta' persuna ta' 30 sena Caruana vs Camilleri App Civ Sup 27-Feb-2004, ta' 26 fil-kaz ta' persuna ta' 35 sena Seisun vs Brincat PA 29-Ott-1998, ta' 30 fil-kaz ta' persuna ta' 17 Turner vs Agius App Civ Sup 28-Nov- 2003, ta' 30 fil-kaz ta' persuna ta' 26 Grima vs Penza PA 30-Gun-2004, ta' 30 fil-kaz ta' persuna ta' 23 sena Zammit vs Zahra PA

20- Jan-2005, ta’ 35 fil-kaz ta’ persuna ta’ 18 sena Sammut vs Zammit App Civ Sup 3-Dic-2004, ta’ 36 fil-kaz ta’ persuna ta’ 20 sena Mizzi vs Azzopardi PA 16-Dic-2004.”

Illi ghalhekk fid-dawl tal-gurisprudenza ccitata, l-Onorabbli Qorti, fil-kawza fl-ismijiet precitati ta’ **George Spiteri vs Raymond Fava**, uzat is-segwenti chart:

| **Eta tal-vitt** | **Multiplier Massimu** |
|---|---|
| 0 - 15 | 35 |
| 16 - 20 | 33 |
| 21 - 25 | 30 |
| 26 - 30 | 27 |
| 31 - 35 | 22 |
| 63 - 40 | 18 |
| 41 - 45 | 14 |
| 46 - 50 | 11 |
| 51 - 55 | 8 |
| 56 | 6 |

Hija l-fehma konsiderata tal-Qorti li m’ghandhiex tiddipartixxi mill-principji delineati fis-sentenza **Spiteri vs Fava** hawn fuq citati, u ghalhekk tqis illi fil-kawza odjerna il-*multiplier* ta' tmienja (8) ghandu jigi adoperat ghall-rigward il-qliegh tal-intimat mill-*football* u dan mehuq in konsiderazzjoni l-fatt illi waqaf jilghab il-*football* fit-2010.

L-intimat rikonvenzjonant kellu 21 sena meta sehh l-incident in kwistjoni. Mir-rapport tal-Periti Perizjuri jirrizulta illi b’konsegwenza ta’ dan l-incident huwa sofra dizabbilita permanenti ta’ 18% tenut kont tal-isfregju permanenti li sofra f’wiccu kif gie kostatat mill-Perit Perizjuri **Mr. Raymond Debono** fl-ammont ta’ 15% kif ukoll 3% minhabba nuqqas ta’ funzjoni fl-imnieher kif konstatat mill-Periti Perizjuri **Mr. Karl Herman Borg Xeureb** u **Mr. Eric Farrugia**.

Bid-debilita’ permanenti allura ta’ tmintax fil-mija (18%), u b’ eta’ ta’ 21 fid-data ta’ l-incident **b’*multiplier* ta’ tletin (30)**, ai termini tas-sentenza precitata fl-ismijiet **Joseph Muscat vs Ludvic Camilleri**, u l-gurisprudenza estensiva hemm iccitata, jinholoq kumpens ta:

€5,256.48 x 18% x 30 = **€28,384.99**

Fir-rigward tal-*football*, il-Qorti tqis illi ma jkunx gust illi l-*multiplier* ikun ukoll ta' 30 peress illi huwa fatt maghruf illi l-*players* tal-*football* ma jdumux jilghabu sa jew qrib l-eta tal-irtirar izda jkollhom karriera pjuttost qasira. Ghalhekk il-Qorti tqis illi l-*multiplier* f'dan ir-rigward ghandu jkun ta' tmienja (8):

€699.00 x 18% x 8 = **€1,006.56**

**Tnaqqis tal-lump sum payment:**

Din is-sentenza qed tinghata kwazi tnax-il sena wara l-incident mertu ta' dawn il-proceduri, u circa hdax-il sena wara li gew intavolati l-proceduri. Fid-dawl ta' dan, u in linja mas-sentenza tal-Qorti tal-Appell Superjuri fl-ismijiet **Joseph Zammit et vs Duncan Galea et** deciza fis-26 ta' Gunju 2015, din il-Qorti m'hijiex sejra taghmel tnaqqis tal-*lump sum payment.*

Ghalhekk id-danni ***Lucrum Cessans*** sofferti mill-intimat rikonvenzjonanti huma ta:

**€28,384.99 + €1,006.56 = €29,391.55**

Ghalkemm it-total ta' danni cioe ***Dannum Emergens*** u ***Lucrum Cessans*** sofferti huwa ta':

**€4,616.49 + €29,391.55 = €34,008.04**

Minn dan l-ammont totali, ghandu **jitnaqqas hmistax fil-mija (15%)** rapprezentanti in-**negligenza kontribtorja** tal-intimat rikonvenzjonanti, biex b'hekk il-kumpens pagabbli lilu mir-rikorrent rikonvenzjonat huwa ta':

**15% x €34,008.04 = €5101.21**

**€34,008.04 - €5101.21 (15%) = <u>€28,906.83</u>**

**Ghal dawn il-motivi il-Qorti taqta' u tiddeciedi billi filwaqt li tilqa' l-ewwel eccezzjoni tal-intimat, tichad it-talbiet kollha tar-rikorrenti;**

**Fir-rigward tal-kontro-talba, il-Qorti taqta' u tiddeciedi billi tilqa' in parte l-ewwel eccezzjoni tar-rikorrent rikonvenzjonat, u tilqa' in parte l-ewwel talba tal-intimat rikonvenzjnanti, tichad il-bqija tal-eccezzjonijiet tar-rikorrent rikonvenzjat u tilqa' l-bqija tat-talbiet tal-intimat rikonvenzjonanti u konsegwentement:**

1. **Tillikwida l-kumpens dovut lill-intimat rikonvenzjonant mir-rikorrent rikonvenzjonat fis-somma ta' tmienja u ghoxrin elf, disgha mija u sitt ewro punt tlieta u tmenin centezmu (€28,906.83);**

2. **Tordna lir-rikorrent rikonvenzjonat ihallas lill-intimat rikonvenzjonanti is-somma ta' tmienja u ghoxrin elf, disgha mija u sitt ewro punt tlieta u tmenin centezmu (€28,906.83), bl-imghax dekoribbli mid-data ta' din is-sentenza sad-data tal-effettiv pagament.**

L-ispejjez tat-talba ghandhom ikunu a karigu tar-rikorrenti, filwaqt illi l-ispejjez tal-kontro-talba ghandhom ikunu in kwantu ghal hmistax fil-mija (15%) a karigu tal-intimat rikonvenzjonanti u in kwantu ghal hamsa u tmenin fil-mija (85%) a karigu tar-rikorrent rikonvenzjonat.

**Moqrija.**

**Mhallef Jacqueline Padovani Grima LL.D. LL.M. (IMLI)**

**Lorraine Dalli**
**Deputat Registratur**